MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 330/2012

**Appell Nru. 330/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jason Camilleri**

**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 433072 (M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' April, 2012 ghall-habta ta' 15.00 hrs, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil Georgina Theuma ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2012, li biha,

wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, jew in subsidum, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' gimgha detenzjoni u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa jikkonsisti f'illi l-fatti li rrizultaw mill-provi ma kienux jammontaw ghar-reat ipotizzat fl-imputazzjoni, cioe` r-reat kontravvenzjonali kontemplat fil-paragrafu (ll) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi illi l-appellant kellu relazzjoni ma' Georgina Theuma illi minnha kellhom zewgt itfal. Din ir-relazzjoni ma baqghetx aktar vigenti u permezz ta' ftehim milhuq fit-tnax (12) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) il-partijiet kienu ftehmu illi t-tfal minuri jibqghu fil-kura u l-kustodja tal-missier Jason Camilleri b'dana illi l-mara jkollha liberu access ghall-istess ulied skont kif miftiehem mill-partijiet minn zmien ghal zmien. Di piu, l-mara Georgina Theuma kienet obbligata illi thallas is-somma ta' ghaxar ewro (€ 10) fil-gimgha ghal kull wiehed mill-wild taghha. Dan il-ftehim gie approvat mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, permezz ta' digriet tat-tlettax (13) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010). Jidher però illi kien hemm xi dizgwid bejn Jason Camilleri u Georgina

Theuma biex din tal-ahhar spiccat biex ghamlet xi rapport lill-pulizija illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April elfejn u tnax (2012) ghal habta tat-tlieta ta’ waranofsinhar (3.00 p.m.) l-appellant Jason Camilleri naqas milli jipprovdi access lil Georgina Theuma ghal uliedhom minghajr raguni valida.

B’sentenza moghtija fit-tlettax (13) ta’ Gunju tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha ditenzjoni.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti f’illi l-fatti li rrizultaw mill-provi ma kinux jammontaw ghar-reat ipotezzat fl-imputazzoni, cioé r-reat kontravenzjonali ikkontemplat fl-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali. Dan il ghaliex skont il-ftehim bejn il-partijiet l-access kellu jkun regolat “skont kif jiftehmu l-partijiet minn zmien ghal zmien.” Dakinhar tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April elfejn u tnax (2012) ma kienx hemm dan il-ftehim u kwindi ma kienx hemm obbligu l-appellant jipprovdi access.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti mhiex se tidhol fil-kwistjoni teknika ta’ dan l-aggravju. Dan il ghaliex permezz ta’ verbal tas-sitta (6) ta’ Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) l-avukat tal-parti leza informa lill-Qorti li sar arrangament mal-appellant u li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Talbet biss illi jigi moghti l-indirizz tal-appellant halli l-modalità tal-access jkun jista’ jigi ikkontrollat. Dan l-indirizz gie moghti u l-parti leza iddikjarat illi ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant. Stante din ir-rinunzja, u peress illi dawn il-proceduri bdew esklussivament fuq kwerela tal-parti leza, il-Qorti tiddikjara dan il-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------